MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 256/2004

**Christopher Attard u Helen Attard**

**vs**

**Bassam El Amami u Matthew Calascione**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata u dikjarata dovuta minnhom versu l-atturi, liema somma tirrapprezenta d-danni sofferti mill-atturi in konnessjoni ma' xoghlijiet kummissjonati lilhom biex isiru fil-fond ta' residenza taghhom f'Haz Zebbug, Malta, hawn

fuq imsemmi, u dan okkorrendo bl-opera ta’ periti nominati mill-Qorti;

2. Illi ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li d-danni sofferti fl-ebda kaz ma jeccedu t-tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Frar tas-sena 2004, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Matthew Calascione datata l-5 ta’ Lulju tas-sena 2004 li permezz taghha ecepixxa s-segwenti;

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur billi fil-vesti tieghu personali ma kellux relazzjoni guridika ma’ l-atturi;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofrew l-atturi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet taghha datat it-22 ta’ Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha appuntat lill-perit Valerio Schembri bhala espert tekniku;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn tirrileva li ghalkemm il-konvenut Bassam El Amami kien talab u inghata l-opportunita' biex jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, dan baqa' inadempjenti u allura jinsab fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat;

Illi in sintesi, il-kaz odjern jista' jigi sintetikament kompilat bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi kienu qabbdu lill-konvenut Matthew Calascione bhala kuntrattur uniku biex ikun jista' jeffettwa kwalunkwe xoghlijiet li jitqiesu necessarji fil-fond f'Haz Zebbug li kien inxtara mill-atturi;

2. Illi ghalhekk dan il-konvenut Calascione kien accetta li jkun responsabbli biex isib u jqabbad il-haddiema meqjusa necessarji biex il-fond li l-atturi kienu xtraw "gebel u saqaf" jinbidel f'wiehed abitabbli, u dan fi zmien xahrejn, (ara fol 27);

3. Illi skond l-attur Attard, il-konvenut Calascione kellu jithallas l-ammont ta' hamsa fil-mija fuq is-somma totali tax-xoghlijiet involuti;

4. Illi dawn ix-xoghlijiet involuti kienu jinkludu kisi, aluminium, madum, elettriku u tibjid u kellhom komplessivament jittotalizzaw is-somma ta' ghoxrin elf Lira maltin, (LM20,000.00,0);

5. Illi rrizulta li fil-kors tax-xoghlijiet li kienu qed isiru, ix-xoghol tal-madum ma kienx qed isir skond is-sena u l-arti;

6. Illi meta l-attur ikkuntattja lill-konvenut Calascione, dan ta' l-ahhar assigurah li kien ser jidhol responsabbli ghax-xoghlijiet maghmula mill-persuna minnu ingaggata;

7. Illi l-attur kien sussegwentement infurmat mill-konvenut Calascione li kien ser jittermina l-ingagg tal-

konvenut l-iehor El Amami u li kien ser jissostitwieh b'kumpanija ohra jisimha MK Limited;

8. Illi effettivament impjegati ta' din is-socjeta' kienu effettwaw xi riparazzjonijiet zghar;

9. Illi meta l-atturi dahlu jabitaw il-fond de quo bdew isibu aktar difetti u kienu kostretti jergghu jikkuntattjaw lill-konvenut Calascione biex jirrimedjhom;

10. Illi nonostante li z-zewg konvenuti kienu irritornaw fl-ambjent in dizamina u trangaw xi affarijiet zghar, id-difetti xorta baqghu jigu riskontrati u effettivamnt jizdiedu;

11. Illi skond kif isostni l-attur Attard a fol 28 id-danni minnu sofferti kienu verament konsiderevoli u kienu tali li jikkostringuhom jibdew il-procedura odjerna biex jigu ripristinati d-danni minnhom sofferti, komplessivament ammontanti ghal tlett elef, hames mija u seba' Liri Maltin, (LM3,507.00,0), ghalkemm l-ammont mitlub kien gie espressament limitat ghal tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), mill-istess atturi, (ara fol 1);

Ikkunsidrat;

Illi min naha tieghu il-konvenut Calascione isostni s-segwenti;

1. Illi hu kien iddiskuta l-ingagg tieghu kif fuq indikat ma' l-attur u kien anke baghat stima tax-xoghlijiet involuti;

2. Illi jsostni li l-attur kien ra din l-istima gholja wisq;

3. Illi in alternattiva l-konvenut Calascione jsostni li ippropona lill-attur li dan ta' l-ahhar kellu jiehu hsieb l-ingagg tal-haddiema rintenuti bzonnjuzi ghax-xoghlijiet involuti, u li s-socjetajiet ta' l-istess konvenut kellhom jiehdu hsieb biss is-supervizjoni tax-xoghlijiet involuti u dan ghall-remunerazzjoni t'ghaxra fil-mija, (10%)

ta’ l-ammont involut, liema ammont sussegwentement gie ridimensjonat ghal hamsa fil-mija, (5%), ara fol 61 u fol 67;

4. Illi rigward il-konvenut El Amami, Calascione isostni li hu kien biss issuggerieh lill-atturi u li qatt ma kien impjegat tal-konvenut Calascione jew tal-kumpaniji tieghu;

5. Illi kien infurmat bil-problemi li rriskontraw l-atturi u li l-konvenut El Amami kien indirizzhom;

6. Illi l-konvenut Calascione baqa’ jsostni li la hu u lanqas is-socjetajiet tieghu ma kienu gew inkarigati biex jiehdu xi pagamenti minghand l-attur ghall-konvenut El Amami;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Bassam El Amami isostni in sintesi s-segwenti:

1. Illi xoghlu hu li jwahhal il-madum;

2. Illi normalmanet jahdem fi Progetti kongunti mal-konvenut l-iehor Calascione;

3. Illi rigward il-meritu tal-procedura in dizamina isostni li hu kien gie inkarigat mill-konvenut Calascione biex jahdem xoghol ta’ madum fil-fond f’Haz Zebbug ta’ l-atturi;

4. Illi rrizulta li xi xoghol kellu jigi sostitwit u li l-konvenut El Amami kien anke inkariga persuna ohra impjegata mieghu biex jirranga x-xogholijiet hziena li hu seta’ ghamel fil-fond ta’ l-atturi;

5. Illi l-attur Attard kien infurmah li kien issa kuntent bix-xoghlijiet godda li ghamlulu;

6. Illi effettivament, El Amami ghad baqghalu jithallas xi pagamenti;

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami tax-xoghlijiet involuti kondott mill-espert tekniku inkarigat mill-qorti odjerna jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-lanjanzi ta’ l-atturi rigwardanti t-tqeghid hazin tal-madum jirrizultaw;

2. Illi jirrizulta wkoll li t-tahlita wzata fit-tqeghid tal-madum ta’ l-art tat-tieni sular hija batuta hafna;

3. Illi in vista tas-suespost, l-istess espert tekniku jikkonkludi li l-madum ta’ l-art tal-fond in dizamina ghandu jinqala’ kollu hlief ghal dak tal-kmamar tal-banju;

4. Illi l-istima tad-dannu kkagunat tammonta komplessivament ghal elf, erba’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM1,451.40,0);

Ikkunsidrat;

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi konvinta mill-buona fede ta’ l-attur Christopher Attard;

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta mis-segwenti:

1. Illi l-atturi inkarigaw lill-konvenut Calascione personalment bhala kuntrattur uniku biex jaffettwa x-xoghlijiet necessarji fil-fond li huma kienu xtraw f’Haz Zebbug u dan ghal korrispettiv ta’ hamsa fil-mija, (5%);

2. Illi min naha tieghu l-konvenut Calascione kien inkariga lill-konvenut El Amami biex ipoggi l-madum ta’ l-istess fond;

3. Illi dan it-tqeghid ma jirrizultax li kien skond is-sengha u l-arti;

4. Illi kagun ta’ dan, il-konvenuti sofrew danni ammontanti ghal elf erba’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM1,451.40,0);

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Matthew Calascione takkolji in parte t-talbiet attrici u konsegwentement :

1. Tordna lill-konvenuti Bassam El Amami u Matthew Calascione in solidum biex ihallsu lill-atturi Christopher u Helen Attard l-ammont ta’ elf erba’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin, (LM1,451.00,0), kif fuq likwidat;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------